# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 23 ta' Marzu, 2001**

**Numru 15**

**Cit. Nru. 65/2001 GCD**

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Paul Testa**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi bi skrittura privata tad-19 ta' Frar 1998 (Dok. A) is-socjeta` attrici silfet lill-konvenut Paul Testa s-somma ta' elf u sitt mitt lira Maltin (Lm1,600) bl-imghax bil-wiehed fil-mija;

Illi minn din is-somma l-konvenut hallas is-somma ta' tlett mija u hamsin lira Maltin u disghin centezmu (Lm350.90);

Illi l-konvenut ghaldaqstant jinsab debitur tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' elf u disgha u sittin liri Maltin u ghaxar centezmi

(Lm1,069.10) salvi imghax ulterjuri mill-21 ta' Novembru 1999 sad-data tal-pagament effettiv;

Illi d-debitu huwa cert, likwidu u dovut u in vista ta' l-affidavit guramentat ipprezentat mis-socjeta` attrici skond l-artikolu 167(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Dok. C);

Illi ghalkemm interpellat biex ihallas dan l-ammont anke permezz ta' ittra ufficjali, il-konvenut baqa' inadempjenti u ma hallas xejn;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tiddecidi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni;

2. tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u disgha u sittin liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm1,069.10) flus mislufa lill-konvenut salvi imghax ulterjuri mill-21 ta' Novembru 1999 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut inkluz l-ispejjez tal-ittra ufficjali datata 21 ta' Novembru, 1999.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Dr. Jean-Pierre Scerri u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenut fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, il-konvenut baqa’ ma deherx.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta’ l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut tilqa’ t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm